# Il-MITA b'kampanja ta' għarfien fost aktar minn 80 edukatur dwar l-użu tal-logħob fit-tagħlim

....l-attivita' tifforma parti mill-inizjattiva tal-Erasmus+ u għandha l-għan li tnaqqas in-numru ta' studenti li jitilqu mill-iskola kmieni

**ALBERT GAUCI CUNNINGHAM** / 29 TA' ĠUNJU 2016 09:40

Print Version 1




Il-laqgħa tal-MITA mal-edukaturi






Aktar minn 80 għalliem u edukatur attendew bi ħġarhom għal attività organizzata mill-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informatika, il-MITA fejn tħejjew tliet workshops dwar l-użu tal-logħob diġitali fit-tagħlim lill-istudenti.

Din l-attività tifforma parti mill-proġett mifrux fuq sentejn tal-Erasmus + bl-isem ta' 'Game Based Learning to alleviate Early School Leaving'. Mistednin għal din l-attività kien hemm tliet esperti barranin, kif ukoll rappreżentanti mill-Università ta' Malta li taw il-ħsibijiet tagħhom dwar dan is-suġġett.

Alexei Dingli mill-Università ta' Malta ta deskrizzjoni ġenerali dwar linji gwida u sett ta' għodda diġitali li qegħdin jiġu żviluppati bejn l-iskejjel u esperti

akkademiċi. Dawn għandhom jiġu mnedija aktar tard din is-sena u se jkunu qegħdin jitqassmu fost l-edukaturi kollha f'pajjiżna. Din l-għodda tinkludi fost l-oħrajn mal-50 logħba diġitali li permezz tagħhom l-istudenti jistgħu jtejbu l-ħiliet tagħhom fil-matematika u l-kitba. Madankollu, l-ammont ta' logħob jista' jkompli jikber u jinkludi suġġetti oħrajn.

L-ewwel workshop tmexxa mil-lettur veteran tal-Psikoloġija, Robert Reuter li ġej mill-Istitut tax-Xjenza Edukattiva Applikata tal-Università tal-Lussemburgu. Hu spjega kif f'pajjiżu hemm problema kbira minħabba li nofs il-popolazzjoni hi fformata minn immigranti li jsibuha bi tqila biex jikkomunikaw minħabba differenzi fil-lingwa li jitkellmu u jiftehmu biha. Għaldaqstant, Reuter qal li l-użu tat-teknoloġija fit-tagħlim irid isir b'mod strateġiku u bbażat fuq analiżi realistika tas-sitwazzjoni kurrenti li tkun tinsab fiha s-sitwazzjoni edukattiva ta' pajjiż jew komunità. Dan il-lettur qal ukoll li kull metodu teknoloġiku għandu jindirizza problema partikolari u kemm jista' jkun għandhom jintużaw metodi li diġà ġew applikati f'sitwazzjonijiet oħrajn preċedenti.

It-tieni workshop tmexxa minn Hamish Macloed mill-Istitut tal-Edukazzjoni, Soċjetà u Komunità fl-Università ta' Edinburgh. Dan l-espert semma kif hemm ħafna tħassib dwar l-użu tal-logħob fl-edukazzjoni, bħal fost l-oħrajn l-espożizzjoni għall-vjolenza u d-disinni tal-logħob li aktar jattiraw lill-edukaturi, milli lill-istudenti li għalihom huma intenzjonati.

Madankollu, Hamish spjega li l-logħob jista' jkun ta' benefiċċju għall-istudenti hekk kif jista' jgħinhom biex jitgħallmu jaċċettaw telfa u minnha jippjanaw kif se jmorru aħjar u jieħdu azzjoni biex fil-fatt imorru aħjar fl-okkażjoni li jkun imiss.

Fl-aħħar workshop tkellmet ukoll il-Professur Maja Pivec mill-Università tax-Xjenza Applikata ta' FH Joanneum fl-Awstrija li spjegat kif ir-riċerka turi li l-logħob jista' iżid ir-rata ta' trasferiment u ż-żamma tal-informazzjoni, filwaqt li jżid l-aptit tal-istudenti biex jitgħallmu.

F'dan il-proġett, il-MITA qiegħda tikkollabora mal-Kulleġġ Santa Margerita, l-Università ta' Malta, l-Università ta' Donau fl-Awstrija, u l-Iskola Nystromska fl-Iżvezja.